MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 4/2001/2

**Kunsill Lokali Kirkop**
**Vs**

**1. L-Avukat Generali.**
**2. Il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar**
**3. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar.**
**4. Il-Kummissjoni dwar il-Kontroll ta' l-Izvilupp.**
**5. L-Avukat Dottor Kevin Aquilina.**
**6. Il-Perit Joseph P. Dimech.**
**7. Il-Perit Joseph M. Spiteri, u b'digriet tat-2/3/01 Multigas Limited giet awtorizzata sabiex tintervjeni 'in statu et terminis'**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tar-rikors kostituzzjonali** li permezz tieghu ir-rikorrent espona illi:

Illi fil-prezent tezisti procedura ta' appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet: 'Kunsill Lokali ta' Hal-Kirkop vs. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar', liema

procedura ggib n-numri 266/00, PA 338/99 u tinsab differita ghad-decizjoni preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni ghal nhar il-Gimgha 16 ta' Frar 2001 u dan wara appell li kien gie interpost mill-esponenti kontra d-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ghall-hrug ta' l-'*outline development permission'* lill-*Malta Development Corporation* ghan-nom tal-*Multigas Limited* ghar-rilokazzjoni ta' l-impjant taghha li jinsab f'Santa Venera ghall-lokalita' ta' Hal-Kirkop, liema decizjoni nghatat waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2000;

Illi dan il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar huwa l-Bord mahtur bil-ligi cioe' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-izvilupp, Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta li skond l-artikoli 14 u 15 ta' l-istess Att, huwa mahtur u ghandu gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi appelli maghmula minn min ihossu aggravat b'decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar kull haga ta' kontroll ta' l-izvilupp, inkluz it-twettiq ta' dak il-kontroll li jista' jigi adit ukoll minn terza persuna bhal ma gara f'dan il-kaz;

Illi jigi sottomess li f'din il-procedura ta' appell li gie interpost mill-esponenti, l-istess esponenti ma jistax jinghata smigh xieraq ai termini ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u dana peress li l-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar kif kompost hu finanzjat skond il-Ligi ma jikkostitwiex Tribunal Indipendenti u Imparzjali ai termini ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Matla u l-Artikolu 6 ta' Konvenzjoni

Ewropeja ghall Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, ( Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta).

Illi skond l-artikolu 15(8) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-izvilupp, Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta il-fondi mehtiega mill-Bord ghall-qadi tal-funzjonijiet tieghu, li ghandhom jigu provduti mill-Awtorita'. Dan ifisser li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, li ghandu funzjoni kwazi gudizzjarja, huwa finanzjat direttament mill-Awtorita' li f'dan il-kaz qed tidher quddiemu fil-kwalita' ta' appellat, cioe' parti fil-kawza.

Illi oltre minn hekk, l-onorarju /hlas li jircievu tal-Membri tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ghas-servizzi taghhom huwa wkoll imhallas mill-fondi li jigu allokati lil dan il-Bord mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Illi dan il-fattur jista' jwassal ghal nuqqas ta' imparzjalita' da parti ta' l-istess membri tal-Bord in kwantu li bil-ligi prezenti, l-istess membri (u l-Bord in toto) ma jistghux ikunu hielsa minn restrizzjonijiet, influwenzi jew interferenzi diretti jew indiretti minn kwalunkwe persuna u ghal kwalunkwe raguni;

Illi apparti minn hekk, fil-kaz *de quo,* ic-*Chairman* ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, li skond l-Artikolu 4(2) ghandu wkoll ir-rapprezentanza legali u gudizzjarja ta' l-Awtorita', huwa wkoll il-perit inkarigat mill-izvilupp propost cioe' ir-rilokazzjoni ta' l-impjant tal-*Multigas Limited* minn Santa Venera ghall-lokalita' ta' Hal-Kirkop;

Illi fil-laqgha pubblika tal-11 ta' Mejju 2000, waqt il-laqgha pubblika quddiem l-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar l-'*outline development application',* ic-*Chairman* ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar iddikjara li kellu kunflitt t'interess f'dan il-kaz, nizel minn fuq is-siggu tieghu u ha t-tmexxija tal-laqgha il-Perit Victor Torpiano, biss l-istess *Chairman* baqa' prezenti hdejn ir-rapprezentant tas-socjeta' zviluppatrici, fil-kamra fejn ittiehdet id-decizjoni li laqghet l-izvilupp propost fl-istadju ta' l-''*outline development application';*

Illi c-*Chairman* ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar huwa wkoll ic-*Chairman* tal-enti finanzjatrici tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, liema Awtorita' hija wkoll wahda mill-partijiet fl-appell interpost mill-esponenti hawn fuq imsemmi;

Illi ghalhekk, il-mod kif isir l-iffinanzjar tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ma jassigurax li l-Bord qua Tribunal Amministrattiv b’funzjoni kwazi gudizzarja ikun Tribunal Indipendenti u Imparzjali kif rikjest mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, (Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. tiddikjara u tiddeciedi li ghar-ragunijiet premessi, l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ma huwiex tribunal indipendenti u imparzjali kif rikjest mill-istess Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, (Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta);

2. tiddikjara u tiddeciedi li konsegwentement il-proceduri quddiem dan il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar f’dan il-kaz jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali ta’ l-esponenti skond l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, (Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta);

3. tiddikjara null u bla effett: (a) il-proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-ippjanar fl-appell fl-ismijiet: Kunsill Lokali ta’ Hal-Kirkop vs. L-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar’, liema proceduri jgibu n-numri 266/00, PA 338/99 (b) id-digriet tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ta’ l-10 ta’ Novembru 2000 li permezz tieghu l-appell de quo ge differit ghad-decizjoni preliminari u (c) id-digriet tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar tad-29 ta’ Jannar 2001 li permezz tieghu l-istess Bord cahad it-talba ta’ l-esponenti sabiex iressaq provi in sostenn ghas-sottomissjonijiet tieghu;

4. u ghalhekk taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tizgura t-twettiq ta’ l-artikoli fuq imsemmija tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni

Ewropea Ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat ir**-risposta ta' l-intimati** Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, ta' l-Avukat Dottor Kevin Aquilina, il-Perit Joseph P Dimech u l-Perit Joseph M.Spiteri a fol. 7 tal-process fejn esponew:

Illi l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kif ukoll il-membri li jikkomponu *panel* minnu u cioe' l-Avukat Dottor Kevin Aquilina, il-Perit Joseph P. Dimech u l-Perit Joseph M. Spiteri, gew notifikati nhar it-Tnejn, 19, ta' Frar, 2001 b'rikors kostituzzjonali pprezentat mill-Kunsill Lokali Kirkop kontra l-Avukat Generali, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp kif ukoll kontra l-esponenti;

Fir-rikors kostituzzjonali qed jigi allegat illi l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar mhux tribunal indipendenti u mparzjali minhabba l-mod kif inhu ffinanzjat;

Illi fl-ewwel lok jigi eccepit illi kemm il-Bord ta' l-Ippjanar kif ukoll l-Avukat Dottor Kevin Aquilina, Il-Perit Joseph P. Dimech u l-Perit Joseph M. Spiteri m'ghandhomx interess guridiku f'dawn il-proceduri u li ghalhekk mhumiex il-legittimi kontradditturi. Il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri huwa l-Avukat Generali li jirrapprezenta l-Gvern ta' Malta fi proceduri gudizzjarji. Bizzejjed jinghad li, anke jekk ghall-grazzja tal-argument ir-rikorrent jinghata ragun minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti huma fl-impossibbilta' guridika li jaghtuh ir-rimedju li huwa qed jitlob;

Fit-tieni lok u fil-mertu jigi osservat illi dak li qed jinghad mir-rikorrent huwa fattwalment zbaljat peress li mhux minnu li l-Bord ta' l-Appell jircievi l-fondi tieghu mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri. Jigi rilevat biss f'dan l-istadju illi:

(a) il-Bord ta' l-Appell huwa finanzjarjament indipendenti mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar;

(b) l-istess Awtorita’ m’ghandiex l-ebda setgha fuq id-dhul u l-infiq tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-ippjanar;

(c) Il-Bord ta’ l-Appell ghandu l-*accountant* tieghu stess (li mhuwiex impjegat ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar);

(d) Il-Bord ta’ l-Appell ghandu kont bankarju separat minn dak ta’ l-Awtorita’;

(e) id-drittijiet ta’ l-appelli u l-multi nflitti mill-Bord ta’ l-Appell jithallsu lill-istess Bord ta’ l-Appell u mhux lill-Awtorita’;

(f) kull *cheque* li jinhareg mill-fondi tal-Bord ta’ l-Appell jinhtieg firma ta’ zewg firmatarji u l-firmatarji huma biss iz-zewg *Chairman* tal-Bord u s-Segretarju tal-Bord;

(g) l-istess Segretarju tal-Bord ta’ l-Appell jinhatar skond il-ligi (kif fil-fatt huwa l-kaz) mill-Ministru responsabbli ghall-ippjanar u mhux mill-Awtorita’ u li skond l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp s-Segretarju ghandu s-setgha li jaghzel lill-impjegati l-ohra tal-Bord;

(h) illi l-indirizz postali tal-Bord huwa differenti minn dak ta’ l-Awtorita’ bhalma huma wkoll differenti n-numri tat-telefon u tal-*fax;*

(i) illi l-onorarju tal-membri tal-Bord ta’ l-Appell jigi ffissat mill-Ministru responsabbli ghall-ippjanar u mhux mill-Awtorita’;

(j) illi s-Segretarju tal-Bord ta’ l-Appell u z-zewg impjegati l-ohra tal-Bord ukoll jircievu s-salarji taghhom mill-finanzi tal-Bord tal-Appell u mhux mill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar;

(k) illi l-Bord ghandu l-*letterheads* tieghu, juza l-*istationery* tieghu u l-formoli tieghu u s-Segretarjat tieghu huwa bil-ligi ndipendenti minn dak ta’ l- Awtorita’;

(l) illi l-Bord ta' l-Appell ghandu l-*audited accounts* tieghu wkoll li jigi wkoll imqieghda fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati separatament minn dawk ta' l-Awtorita';

Fit-tielet lok, mhux minnu li c-*Chairman* ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar jew ic-*Chairman* tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp qed ihallsu l-onorarju tal-Membri tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Lanqas mhu minnu wkoll li dawn l-istess zewg minn nies qed jikkontribwixxu anke parzjalment, fl-iffinanzjar tal-Bord jew b'xi mod jindahlu kif il-Bord jiggestixxi l-finanzi tieghu;

Fir-raba' lok, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ta smigh xieraq lir-rikorrenti fil-mori tal-proceduri li hemm pendenti quddiem il-Bord izda li dawn ma jistghux jitkomplew in vista ta' mandat ta' inibizzjoni mahrug mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili (M. Inib. 441/01) fis-16 ta' Frar, 2001) fuq talba tal-istess rikorrent pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri kostituzzjonali;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti li:

(a) fl-ewwel lok tiddikjara li l-esponenti mhumiex il-legittimi kontraditturi f'dawn il-proceduri u tordna l-liberazzjoni taghhom;

(b) f'kaz li din l-Onorabbli Qorti, tichad din l-eccezzjoni preliminari ta' l-esponenti, tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent stante li dak li qed jigi allegat mir-rikorrent fir-rikors kostituzzjonali tieghu huwa infondat kemm fil-fatt u fid-dritt;

(c) tirrevoka *contrario imperio* il-mandat ta' inibizzjoni numru 441/01AJM mahrug mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Frar, 2001 li permezz tieghu l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u l-Avukat Dottor Kevin Aquilina, il-Perit Joseph P. Dimech u l-Perit Joseph M. Spiteri gew inibiti milli jaghtu decizjoni preliminari fl-atti ta' l-appell fl-ismijiet 'Kunsill Lokali Kirkop kontra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u l-*Malta Development Corporation* f'isem *Multigas Limited.*

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat ir-**risposta ta' l-intimat Avukat Generali** a fol. 10 tal-process fejn espona:

1. Illi fl-ewwel lok il-Kunsill Lokali Kirkop m'ghandux *locus standi* fil-procedura odjerna peress li skond l-istess Att XV ta' l-1993 li waqqaf il-Kunsill Lokali dawn jistghu jaghtu biss parir jew jigi konsultat f'materja bhall-ippjanar ta' bini. Il-parir jew il-konsultazzjoni ma jfissrux li l-Kunsill rikorrenti jista' jiffunzjona bhala stat awtonomu tal-lokal u jagixxi gudizzjarjament biex jindahal lill-awtoritajiet ohra kompetenti fil-qadi tal-mansjonijiet taghhom.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha taht l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni peress li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma disponibbli favurhom. Illi l-kwistjoni ta' imparzjalita' jew il-kostituzzjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar hija wahda ta' dritt li tista' tigi epurata fil-Qorti ta' l-Appell.

Ghalhekk il-Kunsill Lokali qed ikun intempestiv u jadixxi dina l-Qorti f'sede |Kostituzzjonali u allura f'gurisdizzjoni inerentement straordinarja minghajr ma l-ewwel esawrixxi r-rimedju ordinarju li ttih il-Ligi fid-dritt li jappella mill-Bord quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti l-esponent mhux legittimu kontradittur ai termini ta' l-Artikolu 181B u m'ghandux il-vesti li jirrapprezenta lil kull entita' ta' natura ezekuttiva, legislattiva, gudizzjarja jew kwazi gudizzjarja. Fir-rikors promotur mhux qed tigi mpjuntata l-validita' tal-ligi li twaqqaf il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar izda qed jigi attakkat il-mod kif inhu kompost u finanzjat l-istess Bord.

Illi kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors il-Bord huwa kompletament awtonomu u ffinanzjat separatament mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Din l-istess Qorti fid-digriet taghha tas-16 ta' Frar, 2001 fl-atti tal-mandat ta' Inibizzjoni Nru. 441/01 lliberat l-

Awtorita’ ta’ l-Ippjanar mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex m’ghandha l-ebda jedd fil-proceduri li qed jigu attakkati.

4. Illi subordinatament u fi kwalunkwe kaz il-Kunsill Lokali m’ghandux ‘*civil rights and obbligations’* x’jittutela taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet kollha tar-rikorrenti huma bla bazi guridika. Illi skond gurisprudenza assodata ta’ organi gudizzjarji ta’ Strasbourg tribunal indipendenti u imparzjali ifisser Tribunal fejn l-ezekuttiv mhux parti mit-Tribunal – u fil-Bord ta’ l-Appell l-ezekuttiv ma jiehdux parti. Inoltre kif jigi ritenut fil-kaz *Hanschilat v. Denmark (Series A 154)* ir-rikorrenti jridu jippruvaw li l-Bord ‘*acted with personal bias’* kontrihom.

6. Illi t-talbiet kollha tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti.

Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Rat ir-**risposta ta’ l-intimat Awtorita’ ta’ l-Ippjanar u tad-Delegat taghha l-Kummissjoni ghal Control ta’ l-Izvilupp** a fol. 16 tal-process fejn esponiet:

Illi fl-ewwel lok it-talbiet fir-rikors kostituzzjonali huma kollha ntizi biex jittiehdu provvedimenti kontra l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar u ghaldaqstant l-istess Awtorita’ ta’ l-ippjanar u l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp m’ghandhomx jibqghu fil-proceduri nterposti u ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi fil-fatt jirrizulta li l-Kummissjoni dwar il-Kontroll ta’ l-Izvilupp l-anqas biss ma kienet iddecidiet xejn dwar dan il-kaz stante li ma tistax tigi ddelegata l-Kummissjoni mill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar meta l-kaz ikun hemm bzonn li jsir *EIA* u cioe’ *Environment Impact Assessment* u dan skond *Government Notice* 529 tat-12 ta’ Lulju, l-1997, kopja hawn annessa mmarkata Dok. TD1;

Fil-fatt kemm ukoll gurisprudenza kostanti, li l-istess Awtorita' ta' l-ippjanar kif ukoll il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp ma jirrapprezentawx lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kif deciz mid-decizjonijiet kostituzzjonali *Victor Bonavia vs Awtorita' ta' l-Ippjanar* deciza mill-Imhallef Vincent De Gaetano fid-19 ta' Novembru, 1996 (decizjoni preliminari Prim' Awla bhala Qorti Kostituzzjonali) u *Anthony Pace vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar* deciza mill-Imhallef Giannino Caruana Demajo fit-3 ta' Novembru, 2000 (Prim' Awla bhala Qorti Kostituzzjonali);

Illi jigi rilevat li ukoll fid-digriet minn din l-istess Onorabbli Qorti tas-16 ta' Frar, 2001, fejn intalab inibizzjoni kontra l-istess persuni fuq premessi, gie deciz ukoll li l-Bord ta' l-Appell huwa Bord awtonomu kemm mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar, kif ukoll mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u cioe' li l-Awtorita' u d-delegat taghha ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, u se mai jibqghu fil-proceduri bhala biss ghal kull interess li jistghu ikollhom bhala intervenuti fil-kawza stante kienu parti (appellati) quddiem il-proceduri tal-Bord, il-process mhux integru stante ghal kull buon fini, l-partijiet f'dawn il-proceduri kienu ukoll l-*MDC* ghan-nom tal-*Multigas Ltd;*

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors, l-istess fondi tal-Bord ilhom jigu regolati mill-istess Bord u minn xi hames snin ilu l-istess Bord jirregola l-finanzi tieghu stess, ghandhom kontijiet bankarji separati mill-Awtorita' u ghandhom *annual audit report* separat mill-Awtorita' u minn Ottubru 1998, l-Awtorita' qatt ma ffinanzjat aktar lill-Bord. *Del resto,* l-artikolu 15(8) ta' l-Att 1 ta' l-1992 ma jaffettwax bl-ebda mod l-awtonomija u l-indipendenza ta' l-istess Bord;

Illi apparti dan l-istess membri tal-Bord jigu mahtura mill-President ta' Malta fuq parir mill-Ministru responsabbli ghall-Ippjanar u l-Izvilupp u fil-fatt mill-1992, meta gie

ffurmat, l-istess Bord, qata’ decizjonijiet kemm favur kif ukoll kontra l-istess Awtorita’ u l-istess Awtorita’ appellat diversi drabi quddiem il-Qorti ta’ l-Appell minn decizjonijiet ta’ l-istess Bord;

Illi *del resto* kien l-istess rikorrent li utilizza lill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar meta appella hu stess mid-decizjoni ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar u jidher li r-rikorrent qed jattakka tali proceduri li aderixxa hu stess minhabba li l-Bord ta’ l-Appell fid-29 ta’ Jannar, 2001 cahad rikors ta’ l-istess rikorrent biex ikompli jgib aktar provi meta l-kaz kien diga’ thalla fil-prezenza tal-partijiet kollha ghad-decizjoni preliminari;

Illi l-istess Awtorita’ u Kummissjoni ma ghandhom l-ebda gurisdizzjoni jew poter fuq il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar u l-istess Bord hu kompletament indipendenti mill-istess Awtorita’ u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda t-talbiet kollha tar-rikorrenti fil-konfront ta’ l-Awtorita ta’ l-Ippjanar u l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-izvilupp bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat id-decizjoni preliminari a fol 387;
Rat id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali a fol 469;
Rat l-atti li gew allegati ma’ dana l-process a fol 556;
Rat id-degriet a fol 142 li bih giet awtorizzata tintervjeni Multigas Limited;
Rat in-noti tal-partijiet;

**Ilment Kostituzzjonali**

Fir-rikors kostituzzjonali qed jigi allegat illi l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar mhux tribunal indipendenti u mparzjali minhabba l-mod kif inhu ffinanzjat.
Ir-rikorrenti qed jilmentaw ghalhekk li l-MEPA li qed tidher bhala parti quddiem il-Bord ta’ l-Appell hi l-istess enti li tiffinanzja lill-istess Bord, kif ukoll li l-parti l-ohra li kienet spalla ma spalla mall-MEPA u cjoe il-Multigas Ltd, kellha bhala perit l-istess Chairman tal-MEPA, ghalkemm wara dana kien irrikuza ruhhu izda kien baqa’ prezenti

ghas-seduta. Ghalhekk ir-rikorrenti jsostnu li ma jistghax jinghad li qatt setgha kien hemm dehera oggettiva li setghet issir gustizzja lill-Kunsill Lokali minn dak il-Bord skond l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**Eccezzjonijiet preliminari.**

**Locus Standi Avukat Generali; Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u l-membri tal-Panel li jikkomponuh; l-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, l-Kummissjoni dwar il-Kontroll ta' l-Izvilupp, u l-Kunsill Lokali Kirkop.**

**L-intimati Awtorita' ta' l-Ippjanar u tad-Delegat taghha l-Kummissjoni ghal Kontrol ta' l-Izvilupp** ecceppew preliminarjament li t-talbiet fir-rikors kostituzzjonali huma kollha ntizi biex jittiehdu provvedimenti kontra l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u ghaldaqstant l-istess Awtorita' ta' l-ippjanar u l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp m'ghandhomx jibqghu fil-proceduri nterposti u ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.

**L-intimat Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, ta' l-Avukat Dottor Kevin Aquilina, il-Perit Joseph P Dimech u l-Perit Joseph M.Spiteri** ecceppew ukoll preliminarjament illi l-Bord ta' l-Ippjanar kif ukoll l-Avukat Dottor Kevin Aquilina, Il-Perit Joseph P. Dimech u l-Perit Joseph M. Spiteri m'ghandhomx interess guridiku f'dawn il-proceduri u li ghalhekk mhumiex il-legittimi kontradditturi izda l-legittimu kontraddittur f'dawn il-proceduri huwa l-Avukat Generali li jirrapprezenta l-Gvern ta' Malta fi proceduri gudizzjarji.

**L-Avukat Generali** eccepixxa li hu mhux il-legittimu kontraddittur ai termini ta' l-Artikolu 181B u m'ghandux il-vesti li jirrapprezenta lil kull entita' ta' natura ezekuttiva, legislattiva, gudizzjarja jew kwazi gudizzjarja.

Inoltre eccepixxa li l-Kunsil Lokali Kirkop m'ghandux *locus standi* f'dina l-kawza billi skond l-Att XV 1993 li waqqaf il-Kunsilli Lokali, il-funzjonijiet tieghu huma limitati ghall-ghoti ta' pariri jew konsultazzjoni f'materja konnessa ma'

ippjanar ta' bini, u ma jistax jiffunzjona bhala stat awtonomu tal-lokal u jagixxi gudizzjarjament biex jindahal lill-awtoritajiet kompetenti fil-qadi tal-mansjonijiet taghhom. L-azzjonijiet dwar ksur ta' drittijiet fundamentali jistghu jingiebu biss minn min ikun vittma ta' ksur tad-dritt fundamentali.

**Konsiderazzjonijiet**

**Locus standi Kunsill Lokali**

Ghal eccezzjoni ta' l-Avukat Generali dwar il-*locus standi* tar-rikorrenti, dawn wiegbu li huma ghandhom dritt jikkawtelaw l-interessi tal-lokalita' li taqa' taht ir-responsabilita' taghhom bil-ligi. Altrimenti huma jkunu f'posizzjoni zvantaggjata meta mqabbla ma' persuni ohrajn, billi persuna ordinarja li tkun b'xi mod affettwata minn zvilupp propost tkun tista' taghmel proceduri taht il-Kap 356 mentri l-Kunsill Lokali, kwantu tali, jkun prekluz ghax ikun qed jindahal, skond l-Avukat Generali, fil-qadi ta' l-awtoritajiet fil-mansjoni taghhom.

Din il-Qorti tikkunsidra li ghandha l-ewwel tezamina jekk taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ir-rikorrenti ghandhomx *locus standi* biex jaghmlu dana r-rikors kostituzzjonali.

Skond l-Att X1V tan-1987 (Kap 319) li dahhal fil-ligi taghna l-Konvenzjoni Ewropeja imsemmija, rikors kostituzzjonali taht dak il-Kap jista' jsir biss minn *"any person, non-governmental organization or group of individuals".* Ghalhekk il-Qorti trid tiddeciedi jekk ir-rikorrenti jistghux jigu konsidrati bhala li huma *"non-governmental organization or a group of individuals*" a termini ta' l-istess ligi.

Fil-Kap 319 tal-Ligijiet taghna, fid-definizzjonijiet li l-Ligi taghti taht *'Interpretation' 'person'* hi deskritta bhala li tinkludi *'physical person, non-govermental organization or group of individuals*'. Il-ligi taghna ttrasportat l-istess definizzjoni li jaghti l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni u taghmlu japplika taht il-ligi taghna. Dana wkoll japplika

ghall provvediment tal-kostituzzjoni taghha billi l-artikoli dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-kostituzzjoni (art. Minn 33 sa 45) huma bbazati fuq l-artikoli tal-Konvenzjoni Ewropeja u d-definizzjoni ta' 'persuna' li hi stess taghti.

Skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kummissjoni li kien hemm qabel, il-kwistjoni jekk kunsill lokali setghax jaghmel applikazzjoni taht il-Konvenzjoni u jekk kellux locus standi giet deciza diversi drabi. Fil-kaz Danderyds Kommun v. Sweden (decision 7 ta' Gunju 2001) intqal hekk:

*"The Court notes that the jurisprudence of the Court and the former Commission has already dealt with the question whether a municipality can be considered to be a non-governmental organisation or a group of individuals within the meaning of Article 34 (formerly Article 25) of the Convention (see, e.g., 16 Austrian Communes and some of their councillors v. Austria, application nos. 5765/77 et al., Commission decision of 31 May 1974, Collection 46, p. 118; Commune Rothenthurm v. Switzerland, no. 13252/87, Commission decision of 14 December 1988, Decisions and Reports (DR) 59, p. 251; The Province of Bari, Sorrentino and Messeni Nemagna v. Italy, (dec.), no. 41877/98, 22.3.2001* ***; The Municipal Section of Antilly v. France (dec.), no. 45129/98, ECHR 1999-VIII and Ayuntamiento de Mula v. Spain (dec.), no. 55346/00, to be published in ECHR 2001****).*

*According to this jurisprudence it is not only the central organs of the State that are clearly governmental organisation, as opposed to non-governmental organisations, but also decentralised authorities that exercise public functions, notwithstanding the extent of their autonomy vis-à-vis the central organs. This is the case even if the municipality is claiming that in this particular situation it is acting as a private organ.*

*A conflict between a central State organ and a municipality is rather a conflict of jurisdiction which is not for the Court to solve".*

Minn dina l-gurisprudenza jidher car li l-kunsill lokali, bhal dak rikorrenti, li jircievi l-poter tieghu u l-finanzjament mill-Gvern, ma jistax jipprezenta applikazzjoni / rikors taht l-artikoli tal-Ligi taht l-Kap 310 kif jirrizulta mill-istess definizzjoni billi hu mhux "*any person, non-govermental organization or group of individuals".*

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi ;
Billi r-rikorrenti m'ghandhux *locus standi* biex jipproponi dan ir-rikors;
Tichad it-talbiet tieghu;
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------